DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/721

tal-20 ta' April 2017

dwar l-estensjoni tal-azzjoni li ttieħdet mill-Iżvezja dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali VectoBac 12AS b'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2017) 2435)

(It-test bl-Iżvediż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Settembru 2016, l-Iżvezja adottat deċiżjoni b'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 biex sal-5 ta' Marzu 2017 tawtorizza t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali VectoBac 12AS għall-kontroll tat-tifqigħa tal-kironomi, *Chironomidae*, f'diversi impjanti għat-trattament tad-drenaġġ fl-Iżvezja ("l-azzjoni").

(2) Fit-28 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mill-Iżvezja b'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 biex testendi l-azzjoni. It-talba motivata kienet ibbażata fuq l-argument li l-VectoBac 12AS huwa essenzjali għall-kontroll tal-kironomi fil-kuntest ferm partikolari tal-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ fl-Iżvezja.

(3) Il-VectoBac 12AS fih il-*Bacillus thuringiensis* tas-sottospeċi *israelensis tas-serotip H14 u tar-razza AM65-52* bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodott tat-tip 18 kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja, l-estensjoni tal-azzjoni hija meħtieġa sabiex jitħarsu l-ħaddiema fl-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ. Din l-informazzjoni wriet esponiment okkupazzjonali fit-tul għal ammonti kbar ta' kironomi adulti u s-sensitizzazzjoni potenzjali tista' tikkawża l-iżvilupp tal-użma u ta' reazzjonijiet allerġiċi, li fl-aktar każijiet serji jistgħu jikkawżaw anafilassi.

(4) L-Iżvezja ddikjarat li fl-imgħoddi kienu ngħataw bosta permessi għall-użu tal-VectoBac 12AS fi provi ta' riċerka. L-eżitu ta' dawn il-provi wera li metodi alternattivi, inklużi metodi fiżiċi, ma jipprovdux soluzzjonijiet xierqa biex il-kironomi jiġu kkontrollati b'mod effettiv. Barra minn hekk, minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi tal-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, instab li prodotti bijoċidali oħra ma kinux adegwati f'termini ta' applikazzjoni u effiċjenza.

(5) Billi n-nuqqas ta' kontroll xieraq tal-kironomi, li ma jistgħux jiġu mrażżna b'mezzi oħrajn, jista' jwassal għal periklu għas-saħħa pubblika, huwa xieraq li l-Iżvezja titħalla testendi l-azzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet.

(6) Il-miżura stipulata f'din id-Deċiżjoni hija b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Iżvezja tista' testendi għal perjodu li ma jaqbiżx il-550 jum, l-azzjoni biex jitqiegħed fis-suq u jintuża l-prodott bijoċidali VectoBac 12AS għall-kontroll tal-kironomi fl-impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni

Vytenis ANDRIUKAITIS

Membru tal-Kummissjoni